10 ta' Gunju, 1946

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L. A. Camilleri, LL.D.

**Giorgio Demarco et. *versus* Giovanni Aquilina**

**Preskrizzjoni — Rikonjizzjoni tad-Debitu — Rinunzja.**

***Il-debitur li ma jiċħadx li kellu jagħti, imma biss jallega li huwa jidhirlu li ma għandux jagħti daqs kemm il-kreditur jippretendi minn għandu, jirrinunzja taċitament għall-preskrizzjoni.***

***L-inċertezza tal-"quantum" ma tirrendix nulla r-rikonjizzjoni tad-debitu meta tkun aċċertata l-kawża tiegħu.***

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà tar-Re li biha l-atturi, wara li qalu li l-kontendenti kienu jagħmlu bejniethom operazzjonijiet kummerċjali li kellhom bħala oġġett ix-xiri ta' bhejjem u oġġetti oħra minn barra minn Malta, għal liema skop l-atturi kienu jofforgu l-kapitali meħtieġa u jagħtu prestazzjonijiet oħra, u l-konvenut kien jikkoopera b'diversi modi kif jidher mid-dikjarazzjoni annessa u għad jirriżulta waqt il-kawża; u li huma kienu wkoll javanzaw flus lill-konvenut għall-operazzjonijiet bħal dawk diġà msemmija li huwa kien jagħmel għalih personalment, u kienu wkoll jieħdu ħsieb li jinkassawlu minn għand il-barranin u jirċievu minn għandu in depożitu flus rappreżentanti prezzijiet ta' bejgħ simili li kien jinkassa hu; u peress li huma jridu jillikwidaw il-pendenzi kollha li għandhom mal-konvenut, sija ċjoè rigward l-operazzjonijiet li għamlu in komun miegħu u sija rigward l-operazzjonijiet l-oħra tiegħu personali li għinuh fihom, minn liema operazzjonijiet il-konvenut jirriżulta debitur tagħhom fis-somma ta' £411. 16. 4. salv il-konteġġ tad-depożitu li qiegħed għand Franjo Kiriljak ta' Zagreb (Yugoslavja), skond ma jidher mill-prospetti uniti maċ-ċitazzjoni, diġà debitament sottomessi lilu u approvati

mil-konvenut, prevja jekk hemm bżonn l-approvazzjoni ta' l-istess prospetti bħala indikanti l-pożizzjoni bejn il-kontendenti mill-likwidazzjoni tar-rapporti reċiproċi li tiġi okkorrendo wkoll ordnata u magħmula; talbu illi l-konvenut jiġi minn dina l-Qorti kundannat iħallas lill-attur is-somma ta' £411. 16. 4 fuq imsemmija rappreżentanti l-ammont minnu lilhom dovut għall-operazzjonijiet komuni u dawk tiegħu personali kif speċifikati aħjar iżjed 'il fuq u fid-dikjarazzjoni annessa; salv kull dritt ta' l-atturi għall-kreditu kontra Kiriljak ta' Yugoslavia li jammonta għal £217. 4. 4. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-8 ta' Ottubru 1943, u bl-imgħax kummerċjali min-notifika ta' l-istess att.

**Omissis;**

**Rat is-sentenza mogħtija fis-7 ta' Frar 1946 mill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà tar-Re, li biha ġiet respinta l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, bl-ispejjeż kontra l-konvenut; wara li kkunsidrat;**

**Illi rriżulta mix-xhieda ta' l-attur illi wara li bdiet il-gwerra mal-Germanja u qabel ma bdiet dik ma' l-Italja huwa ppreżenta lill-konvenut il-kontijiet, u dana qallu............ In segwitu............ kitiblu............ u għamillu ittra uffiċjali fit-8 ta' Ottubru 1943, li biha interpellah biex jillikwidaw il-kontijiet ta' bejniethom......... Wara li għamillu dik l-ittra uffiċjali l-konvenut mar ikellem lill-attur u baqgħu li kellhom jiltaqgħu biex jirranġaw. Għall-bidu ma kienx imur, u dan l-aħħar iltaqgħu għand l-avukat Professur Xuereb u bdew jaraw il-kontijiet, però meta waslu għall-kont il-kbir qal lill-attur li deherlu li ma kellux jagħtilhom dawk il-flus; u kellhom jerġgħu jiltaqgħu darb'oħra, però ma marx;**

Illi kif jidher ċar, il-preskrizzjoni ġiet interrotta; anzi l-aġir tal-konvenut huwa irrikonċiljabili ma' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, għaliex bl-aġir tiegħu l-konvenut wera illi ma kellux ħsieb jipprevalixxi ruħu mill-preskrizzjoni, anki jekk stess kien għadda ż-żmien neċessarju għaliha. Il-Qorti fil-każ preżenti lanqas tħoss in-neċessità tagħmel riferenza għad-dottrina u ġurisprudenza tal-Qrati Tagħna f'dan il-każ;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut, u rat il-petizzjoni

tiegħu fejn talab illi s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata in kwantu rrespingiet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali minnu mogħtija, u li l-istess eċċezzjoni tiġi milqugħa bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur, u l-proċess jiġi mibgħut lill-Ewwel Qorti għat-trattazzjoni tal-kawża, jew li l-atturi jiġu miċħudin mit-talbiet minn din il-Qorti, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħhom;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi apparti konsiderazzjonijiet oħra, l-appellant fl-inkontru fuq imsemmi, li ġara ftit xhur qabel il-preżentata taċ-ċitazzjoni, ma ċaħadx li huwa kellu jagħti lill-appellati, iżda deherlu li ma kellux jagħti daqs kemm huma kienu jippretendu; u b'dan il-fatt huwa rrinunzja taċitament għall-preskrizzjoni (ara App. Inf. 1 ta' Ottubru 1927 in re "Camilleri vs. Mangion", Kollez. Vol. XXVI, P. 1, Sez. III, paġ. 441). Huwa paċifiku fid-dottrina li l-inċertezza tal-"quantum" ma tirrendix nulla r-rikonjizzjoni tad-debitu meta tkun aċċertata l-kawża tiegħu (Giorgi, Obbligazioni, Vol. VIII, paġ. 446 no. 283; Troplong, Prescrizione, no. 675);

Għaldaqshekk;

Tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà tar-Re fis-7 ta' Frar 1946; bl-ispejjeż kontra l-konvenut appellant.